# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 206/2019**

Il-Pulizija

vs

***-Omissis-* u**

**Rosario Brincat**

iben Felix, imwieled Qormi, fil-15 ta' Ottubru 1952, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 755152(M)

Illum is-06 ta' Jannar 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Rosario Brincat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer:

1. Fl-1 ta' Lulju 2006 u fiz-zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda ircievew minn ghand Anthony Camilleri jew kisbu minn ghandu xi weghda li jinghataw, ghalihom jew ghal ohrajn, b'korrispittiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b'access minn dak li jkun permess bil-ligi.
2. Talli taht l-istess cirkustanzi wrew imgieba li biha ikkagunaw biza lil Anthony Camilleri li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra il-proprjeta tieghu jew ta' membri tal-familja tieghu.
3. Talli b'hekk huma jitqiesu li saru recidivi ghat-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gew ikkundannati ghal reati b'diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati li saru definittivi.

4. **Lil Omissis wahdu** talli b'hekk ukoll kiser il-kundizzjonijiet ta' probation imposti fuqu b'sentenza talQorti tal-Magistrati moghtija fil-21 ta' Jannar 2004.
5. Talli b'hekk kiser il-provedimenti dwar sentenzi sospizi, Artiklu 28A tal-Kap 9 talLigijiet ta' Malta, fuq sentenza mill-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Ottubru 2004.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-03 ta' Lulju 2019 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 298C(1), 251B(1), 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh u kkundannatu l-piena ta' prigunerija ta' tmintax (18)-il xahar kif ukoll multa ta' hmistax-il elf Euro (€15,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' erba' mija u ghoxrin Euro (€420.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi bis-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Rosario Brincat minnu pprezentat fid-19 ta' Lulju 2019 fejn talab lil din il-Qorti tilqa' dan l-appell billi thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li tiddikjarah mhux hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, tilliberah minnhom. Fin-nuqqas l-appellant talab sussidjarjament illi l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi odjerni.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant qieghed jaffaccja akkuza dwar uzura, reat li gie introdott fil-legislazzjoni penali taghna permezz ta'l-Att III ta'l-2002 bl-artikolu 298C li jipprovdi hekk:

> **Kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, mgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, jeħel, meta jinsab ħati…."**

Illi l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant meta fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi ghogobha taghti affidament lil verzjoni ta' Anthony Camilleri, il-parti leza, ghalkemm dan ta'l-ahhar ma setax jindika bil-preciz l-ammonti mislufa u l-pagamenti minnu maghmula. Dan ghaliex, kif solitament jigri f'dawn il-kazijiet, il-ftehim patwit ma sarx bil-miktub, u lanqas inzamm rendikont la minnu u lanqas mill-appellant tal-hlasijiet li gew effetwati mill-mutwatarju. L-appellant ghalhekk fl-ewwel aggravju minn ntentat jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u dan ghaliex l-kredibbilita tal-verzjoni tal-fatti moghtija minn Camilleri hija skossa f'diversi bnadi. Mhux biss izda jishaq li l-istess Camilleri ghal diversi drabi stqarr illi huwa kien issalda id-debitu li kellu mal-appellant u li ma xtaqx li jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu, tant illi anke fil-mori ta' dawn il-proceduri Camilleri rega' issellef il-flus minn ghandu.

Illi minn ezami tal-atti fil-fatt jirrizulta illi l-proceduri kriminali inizjalment kienu nbdew mhux biss kontra l-appellant, izda ukoll kontra certu Emanuel Ellul. Kuntrarjament ghal dak li gara fil-kaz tal-appellant, jidher illi fil-kaz ta' Ellul giet ezebita dokumentazzjoni li tixhed is-self li kien sar bejn Ellul u Camilleri. Dan in-

nuqqas fil-fehma tad-difiza ukoll kellu jimmilita favur l-appellant billi qatt ma giet ezebieta xi prova dokumentarja rigward is-self li kien sar mill-appellant jew inkella dwar il-pagamenti li kienu qed jigu affetwati.

Issa huwa fatt inkontestat illi l-appellant kien jislef il-flus fuq l-idejn lil Camilleri u dan ghal diversi snin, liema self sar mhux f'pagament wiehed, izda f'diversi pagamenti, tant illi d-difiza targumenta illi Camilleri lanqas ma jindika bil-preciz l-ammont globali li huwa finalment issellef minn ghand l-appellant, anzi jindika ammonti differenti meta jaghmel rapport lil pulizija, u mbaghad meta jixhed fil-qorti, u dan anke fl-ammont tal-pagamenti minnu maghmula tul is-snin. Huwa fatt inkontestat ukoll illi Camilleri kellu problemi serji finanzjarji, kellu hafna djun u anke kien laghab. Dan jidher li kien wasslu sabiex jissellef ammonti ta' flus fuq l-idejn minn ghand diversi nies. L-appellant madanakollu jargumenta illi l-verzjoni nebboluza u konfliggenti moghtija mill-parti leza kellha twassal ghal dak id-dubbju ragjonevoli sabiex b'hekk il-Prosekuzzjoni ma lahhqitx il-grad minnha mistenni fil-ligi ghal sejbien ta' htija.

Ikkunsidrat:

Illi dan ir-reat gie ifformulat fuq l-artikolu 644 tal-Codice Penale Taljan ghalkemm il-kliem adoperat mill-legislatur malti mhuwiex identiku ghal dak l-artikolu tal-ligi[1], liema disposizzjoni tal-ligi taljana sussegwentement giet emendata.

Dan ifisser allura illi:

> **"l-uniku element mehtieg fil-ligi taghna hu li dak li jkun jikseb weghda li jinghataw b' korrispettiv ta' self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor b' eccess ta' dak li jkun permess mill-ligi. Dan l-eccess jitkejjel fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1139 tal-Kodici Civili li jipprovdi ghal rata ta' 8%. Hemm umbaghad l-**

[1] 644, 1° "si ha quando taluno si fa dare o promettere, sotto qualsiasi forma, per se' o per altri, in corrispettivo di una prestazione di denaro o di altra utilita', interessi o altri vantaggi usurari."

**artikolu 1854 tal-Kodici Civili li jiddisponi li fejn ir-rata tal-imghax ma tkunx giet miftehma, l-imghax ghandu jitqies bil-5%. Ghal dan il-principju hemm xi eccezzjonijiet li japplikaw fil-kazijiet ta' banek, meta jinhargu bonds ghall-pubbliku, eccetera, fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat ghall-hlas ta' imghax ta' aktar minn 8%, li pero' kjarament mhumiex rilevanti ghall-kaz in dizamina.[2]"**

Mela allura b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament u dak li tipprovdi il-ligi jirrizulta illi l-konsumazzjoni tar-reat isehh hekk kif issir il-weghda li jithallas imghax oghla minn dak permess bil-ligi. Ighid hekk il-gurista Francesco Antolisei:

***"La consumazione si verifica nel momento in cui gli interessi o vantaggi usurari sono dati o semplicemente promessi, e cioe' nel momento della patuazione."***

Il-gurista ikompli ighid illi huwa tal-fehma illi dan ir-reat ghalkemm wiehed istantanju (u mhux reat permanenti) madanakollu ghandu effetti permanenti u dan tul iz-zmien meta isiru il-hlasijiet relattivi tal-imghaxijiet in esekuzzjoni tal-patt uzurarju bil-konsumazzjoni ta'l-istess izda issehh mal-mument tal-kontrattazzjoni illecita.

Ikompli dwar l-element formali tar-reat:

***"Il dolo e' costituito dalla volonta di farsi dare o promettere determinati interessi o vantaggi che superano il limite legale, con la coscienza ... che gli interessi o altri vantaggi o compensi sono sproporzionati rispetto alla propria prestazione ..[3]"***

Mela allura dak illi irid jirrizulta mill-provi huwa qabel xejn dan il-ftehim ta' self bejn l-vittma u l-awtur tad-delitt, bil-konsapevolezza tal-awtur illi qed jintalab imghax jew qliegh in eccess minn dak permess fil-ligi.

**"Kull ma hu mehtieg hu li l-mutwant jkun konsapevli tal-fatt li qed jislef flus versu korrispettiv, imghax jew qliegh iehor li jkun in eccess ghal dak permess mill-ligi. Evidenza ta' din l-intenzjoni tista' tigi prezunta minn atti li jkunu jindikaw li qed tinheba l-vera portata w in-natura tas-self u l-korrispettiv....**

---

[2] App.Krim.Inf. Il-Pulizija vs George Xuereb – deciza 15/01/2009

[3] Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale I (2016)

**Lanqas ma hu mehtieg li jigi pruvat li jkun il-mutwant li jkun ghamel xi pressjoni fuq il-mutwatarju biex jidhol ghal dak is-self abuziv. Bizzejjed li jkun hemm l-accettazzjoni tat-tnejn.[4]"**

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali u imqabbla mal-fattispecje tal-kaz, jidher illi l-mument krucjali li fih sehh il-konsumazzjoni tar-reat huwa dak meta sar il-ftehim bejn il-mutwant u il-mutwatarju, iktar milli dak li sehh wara, u dan sabiex minn hemm jemergi il-ftehim pattwit bejniethom. Illi f'dan il-kaz taht il-lenti tal-Qorti jidher illi dan sehh f'diversi mumenti, kif inghad, matul is-snin meta Camilleri irrikorra ghand l-appellant sabiex jissellef il-flus bil-ghan illi jkun jista' jlahhaq mal-problemi finanzjarji li kellu. Kif diga' inghad ukoll jidher illi dan kien isir ma' iktar minn persuna wahda. Issa ghalkemm huwa minnu illi ftehim bil-miktub qatt ma sar bejn dawn it-tnejn minn nies, u ghalkemm huwa minnu ukoll illi l-parti leza ma huwiex cert dwar l-ammonti mislufa u ukoll l-pagamenti li saru, madanakollu huwa indubitat illi l-appellant kien jislef il-flus fuq l-idejn. Dan ghamlu kemm mal-parti leza kif ukoll ma' ibnu. Illi dan il-fattur determinanti u cioe' illi ftehim bil-miktub qatt ma sar, fil-fehma ta' din il-Qorti, jimmilita kontra l-istess appellant li naqas, sahanistra meta xehed li jipprezenta lil qorti dawk il-provi dokumentarji li jindikaw is-self li kien jaghmel. Huwa kemmxejn inverosimili li persuna li tislef ammonti kbar ta' flus ma zzomm ebda rendikont tal-ammonti mislufa u iktar u iktar tal-pagamenti effetwati u tal-bilanc li huwa dovut sabiex b'hekk huwa aktar verosimili dak li jixhed il-parti leza meta ighid illi l-appellant kien silfu l-flus u kull gimgha jitolbu regolarment sabiex jaghmel pagament u dan ghal diversi snin tant illi sahanistra baqa' jaghmel il-pagamenti anke wara li gew istitwiti dawn il-proceduri. Illi Camilleri huwa car fix-xiehda tieghu, anke in kontro-ezami, meta jinsisti illi meta sar is-self l-ammont ta' imghax pattwit kien oghla mit-8% permess fil-ligi. Illi ghalkemm ghal diversi drabi huwa stqarr illi xtaq jahfer lill-

---

[4] App.Krim Il-Pulizija vs George Xuereb gja iccitata.

appellant u li ma xtaqx illi jitkomplew il-proceduri penali fil-konfront tieghu, madanakollu kull darba li xehed dejjem baqa' jinsisti illi l-imghax mitlub mill-appellant kien wiehed oghla minn dak legalment permess. Mhux biss izda jikkontendi illi sussegwentment l-appellant kien jigri warajh ghal hlas u anke kien jippersegwietah, anke permezz tat-tifel tieghu, u gieli kienu anke jghajjtu mieghu tant illi huwa kien imbezza' minnu u minn uzuraj ohra, u spicca kellu jallontana ruhu mid-dar tieghu u irrikorra lejn Dar Suret il-Bniedem u lejn l-Agenzija Caritas ghall-ghajnuna. Ighid illi sahansitra iben l-appellant, meta kien jakkompanja lil missieru kien anke jerfa' idejh fuqu, ghalkemm l-appellant kien iwissi lil ibnu biex irazzan din l-imgieba aggressiva. Madanakollu huwa indubitat illi l-appellant kien appozitament jiehu lil ibnu mieghu biex ikellem lil Camilleri sabiex iddahhal il-biza fih u b'hekk igieghlu ikompli jaghmel il-pagamenti.

Illi allura, ghalkemm kif jikkontendi l-appellant ix-xiehda tal-parti leza ma taghtix dettalji dwar l-ammont misluf u l-pagamenti li saru, madanakollu din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha tqies illi l-verzjoni moghtija mill-parti leza dwar il-ftehim pattwit bejnu u bejn l-appellant illi l-hlas lura tas-self moghti kellu jahseb ghal ammonti ezorbitanti ta' imghaxijiet hija wahda verosimili. Illi x-xiehda moghtija mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti ma toffri ebda dettall dwar kif kien sar is-self u kif kellhom isiru l-pagamenti tant illi din il-Qorti qajla temmen kif l-appellant silef mhux biss lill-parti leza izda ukoll lil ibnu ammonti kbar ta' flus minghajr ma zamm rendikont ta'l-istess u donnu irid igieghel lil Qorti temmen illi dan kien jaghmlu bhala gest ta' generozita'. Kwindi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti fir-rigward tas-sejbien ta' htija ghall-ewwel imputazzjoni.

L-istess ma jistax jinghad, madanakollu ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni. Dan ghaliex dan ir-reat ta'l hekk imsejjah *harassment* gie introdott mill-legislatur permezz

ta'l-Att XX tal-2005. Illi permezz ta'l-Avviz Legali 56 tal-2006, imbaghad il-Viçi Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u l-Intern ta' dak iz-zmien stabbilixxa t-28 ta' Frar, 2006 bhala d-data meta l-istess Att kellu jibda fis-sehh. Issa l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant jirreferu ghad-data tal-01 ta' Lulju 2006 u fiz-zminijiet ta' qabel. Dak allura li kien jenhtiegilha tipprova l-Prosekuzzjoni kien illi dan ir-reat addebitat lill-appellant gie kommess bejn it-28 ta' Frar 2006 u l-01 ta' Lulju 2006 billi qatt ma jista' jigi imputat lill-appellant xi agir li ma kienx jikkostitwixxi reat fiz-zmien meta sehh. Issa mill-provi li hemm fl-atti ma jirrizultax meta l-agir intimidatorju sehh fil-konfront ta'l-parti leza, u ghalkemm jirrizulta illi dan kien imbezza' mill-uzuraj li kienu qed jigru warajh, madanakollu ma hemm ebda zmien indikat fil-provi meta dan allegatament sehh. Ukoll meta jsemmi l-incidenti meta allegatament l-appellant flimkien ma' ibnu kienu jmorru hdejh fuq il-post tax-xoghol tieghu vicin il-Yellow Garage sabiex jitolbuh ihallas id-dejn, lanqas hawn ma jirrizulta f'liema perijodu dan l-allegat agir inkriminatroju sehh. Dan ifisser illi d-dubbju ghandu jmur favur l-appellant li allura ghandu jigi lliberat minn din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Jifdal sabiex jigi kkunsidrat l-ahhar aggravju ntentat mill-appellant marbut mal-piena inflitta ta' tmintax-il xahar prigunerija u multa ta' €15000, liema piena tqarreb aktar lejn il-massimu taghha u dan meta l-artikolu 298C tal-Kodici Kriminali ifassal piena sa massimu ta' tmintax-il xahar prigunerija u multa ta' bejn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) sa erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu(€34,940.60), filwaqt li ir-reat mahsub fl-artikolu 251B, fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat, kien igorr il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlett xhur sa sitt xhur **jew** multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu(€11,646.87), jew dik il-multa

u priġunerija flimkien, izda minn din l-ahhar imputazzjoni, kif inghad, l-appellant ser jigi lliberat. L-appellant gie misjub hati li huwa recediv u ukoll hati tar-reat fil-forma kontinwata tieghu fit-termini ta'l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali sabiex b'hekk l-Ewwel Qorti zdiedet il-piena b'zewg gradi.

Jinghad qabel xejn illi fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, ghalkemm l-Ewwel Qorti telenka serje shiha ta' reati li dwarhom l-appellant gie misjub hati, u dan saz-zmien meta inghatat is-sentenza, madanakollu hemm biss kundanna wahda moghtija fil-konfront tal-appellant fil-hames snin precedenti l-kummissjoni tar-reati lilu addebitati permezz tal-presenti istanza u cioe' dik fejn gie kkundannat ghal hlas ta' multa marbuta ma' kontravvenzjonijiet tat-traffiku, u dan kif rifless fis-sentenza esebieta a fol.28 tal-process. Issa ma saret ebda prova minn naha tal-Prosekuzzjoni illi din is-sentenza giet skontata mill-appellant u cioe' illi l-multa inflitta thallset fl-intier taghha, u kwindi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tqies lill-appellant recediv fit-termini ta'l-artikolu 50 u b'hekk tapplika awment fil-piena u allura ghandu jkun hemm aggustament fil-piena f'dan ir-rigward ukoll.

Illi l-appellant jitlob f'dan l-aggravju illi l-Qorti tqies piena alternattiva ghal dik tal-inkarcerazzjoni. Illi jibda biex jinghad illi presentement l-appellant jinsab jiskonta piena karcerarja u kwindi ghalkemm, kif inghad, huwa ser jigi lliberat mit-tieni imputazzjoni u ma ghandux jitqies recediv fit-termini ta'l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, madanakollu l-Qorti hija prekluza milli taghti sentenza ta' habs sospiz. Inoltre l-appellant ma jressaq l-ebda prova dwar ir-riforma tieghu kif jikkontendi fir-rikors ta'l-appell. Dan maghdud, madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-parti leza haffret lill-appellant ta'l-akkadut u sahansitra lanqas xtaqet li jitmexxew 'il quddiem dawn il-proceduri penali. Kif lanqas ma tista' tinjora it-trapass twil taz-zmien minn meta gew kommessi r-reati, u ghalkemm kif qalet l-Ewwel Qorti, l-appellant ikkontribwixxa ghal dan id-dewmien, manadankollu ma jistax jinghad illi dan kien totalment imputabbli lilu

sabiex b'hekk kemm il-piena karcerarja kif ukoll dik monetarja ghandha tonqos biex tirrifletti dawn il-fatturi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell interpost, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata. Tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni, izda tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u ghalhekk tghaddi biex tilliberah minnhom. Tvarja il-piena inflitta billi tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' hamest elef ewro (€5000).

Edwina Grima

Imhallef